# Il-Ħadd 03.08.2014

1. Ninfurmawkom illi l-Avviżi tal-parroċċa li jinqraw bħalissa bdew jittellgħu fuq il-websajt tal-parroċċa: http://parroccasafi.wordpress.com/ fis-sezzjoni AVVIŻI. Hekk niffaċilitaw aktar il-komunikazzjoni, anke għal min minħabba raġunijiet varji ma jkunx jista' jattendi l-quddies fil-parroċċa tagħna. Nieħdu interess u nagħmlu użu tajjeb minn dan is-servizz; nirringrazzjaw lill-Kummissjoni Liturġija tal-parroċċa li qed tikkordina dan is-servizz.

2. Bħas-snin li għaddew il-Kor tat-tfal Kreattiv se jkun qed jagħti sehmu fil-kant tat-Tridijiet tal-Festa ta' San Pawl. Għalhekk dawk it-tfal li minn Settembru li ġej ser jkunu Year 3, 4, 5 jew 6 f'xi skola primarja jistgħu jingħaqdu minn issa ma' dan il-kor. Dawk interessati huma mitluba jiġu hawn il-knisja nhar it-Tnejn 4 t'Awwissu fis-7:00pm. Ir-rehearsal idum nofs siegħa, sas-7:30pm, u matulha jsir test ħafif tal-vuċi. Jekk xi ħadd ma jistax jattendi t-Tnejn imma jixtieq jieħu sehem, jagħti ismu lis-surmast Tony Pace.

3. Is-Sibt 9/08:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru fil-Knisja tal-Kapuċċini, Xemxija. Kulħadd mistieden.

4. Il-Każin Banda San Pawl jixtieq ifakkar li xi membri qed jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna kull nhar ta' Ħadd bejn id-9:00am u 12:00pm. Grazzi bil-quddiem.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 325 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 290 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa. Grazzi mill-qalb.
   
   Lil min għadu ma tax sehmu nitolbu ma joqgħodx lura.

6. Nitolbu għal Joseph Cachia li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...